MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Numru. 435/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Daniel Paul Grima**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Daniel Paul Grima ta’ 27 sena mwieled Pieta’ nhar il-25 ta’ Ottubru 1980 bin Joseph u Marthese nee’ Grech u residenti 11, Alley, 1, Our Lady of Sorrows, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 508580(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Ittanta li jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra

persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti u cioe fuq il-persuni ta’ PS156 F. Abela, PC672 E, Muscat, PC39 J. Zahra, PC1516 V. Cutajar, u PC283 R. Borg liema attentat ma sehhx minhabba xi haga accidentali tal-imputat u dan ai terminu tal-Artikoli 41,92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuza hawn fuq u dan ai terminu tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’ xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ Ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li il-membru tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita’ kienu ghamlu u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’ dagha u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta hekk mitlub irrifjtua jew ta falz ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra lill-istess ufficjali pubblici, meta kien

mitlub u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkommetta reat u kiser l-ordnijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti b’ sentenza li saret definittiva mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onorabbli Mhallef Dr. David Scicluna LL.D.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Mejju 2007 (a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat skuza ruhu mal-membri tal-Korp tal-Pulizija indikati fic-citazzjoni dakinhar stess ta’ l-incident.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 41, 92 , 95, 96, 338(ee), 338(dd), 342 u 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (500€) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas f’pagamenti mensili ta’

mitt Ewro (100€) fix-xahar. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (11.65€) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------